*Tifsira tan-nota ta' sottomissjonijiet koncessa lill-konvenut kontumaci permezz ta' Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il- Gimgha, 26 ta' Jannar, 2018**

**Numru 4**

**Rikors Numru 804/17TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

1. **Ta' Bettina & Co (P 1209)**
2. **Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo (K.I. numri 299465 (M) u 332167(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur prezentat fil-5 ta' Settembru, 2017 u mahluf minn Johanna Bartolo ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank, li permezz tieghu talab is-segwenti:-

1. "Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, tnejn minnhom datati 29 ta' Ottubru 2009 maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B"), iehor datat 24 ta' Gunju 2011 in atti in-Nutar Dottor Katia Cachia (Dok. "C") u iehor datat 28 ta' Settembru 2011 in atti in-Nutar Dottor Katia Cachia (Dok. "D") u permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Settembru 2012 (Dok. "E") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Geomike Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Ta' Bettina & Co fis-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, mija u sittin Ewro u tletin centezmu (€123,160.30) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' Ta' Bettina & Co mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G2", Dok. "H1 sa H2", Dok. "I1 sa I2" u Dok. "J1 sa J12") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' erba' kuntratti, tnejn minnhom datati 29 ta' Ottubru 2009 maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B"), iehor datat 24 ta' Gunju 2011 in atti in-Nutar Dottor Katia Cachia (Dok. "C") u iehor datat 28 ta' Settembru 2011 in atti in-Nutar Dottor Katia Cachia (Dok. "D") u permezz ta' zewg skritturi privati, datati 5 ta' Settembru 2011 (Dok. "K") u 9 ta' Mejju 2011 (Dok. "L") il-konvenuti Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Ta' Bettina & Co ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess Ta' Bettina & Co, mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E", "K" u "L") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo;

5. (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 6 ta' Dicembru 2016 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok.

"M" u "N" sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D", "E", "K" u "L"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, mija u sittin Ewro u tletin centezmu (€123,160.30) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' Ta' Bettina & Co mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G2", Dok. "H1 sa H2", Dok. "I1 sa I2" u Dok. "J1 sa J12") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 6 ta' Dicembru 2016 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. (Dok. "M" u "N")"

Rat li l-konvenuti kollha debitament notifikati skont il-ligi baqghu ma wegbux fiz-zmien li trid il-ligi ghar-Rikors Guramentat u ghalhekk baqghu kontumaci;

Rat id-dokumenti kollha prodotti fil-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota tal-Konvenuti konjugi Fenech (a` fol 98);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank Attur (a` fol 101).

**Fatti tal-Kawza**

**1.** Il-fatti huma pjuttost semplici. Il-Bank Attur qieghed jitlob il-kundanna tal-Konvenuti fis-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, mija u sittin Ewro u tletin centezmu (€123,160.30) bilanc ta' debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta` Ta' Bettina & Co, li flimkien maghha l-istess Konvenuti konjugi Fenech iggarantew flimkien u "in solidum" il-harsien ta' kull obbligu u debitu li din ghandha mal-Bank Attur.

**Punti ta' Ligi**

**2.** Il-punt ta' ligi involut huwa semplici hafna. Il-Bank Attur qieghed jinvoka l-inadempjenza kuntrattwali tas-Socjeta` Konvenuta kwantu jirrigwarda l-hlas tad-debitu mertu tal-kawza. Il-konjugi Fenech huma garanti solidali ta' u mal-istess Socjeta`. Galadarba l-obbligazzjoni assunta mid-debitur principali hija fiha nnifisha ta' natura kummercjali, ghalhekk il-garanti huma flimkien mad-debitur principali obbligati ghall-hlas tal-effett kollu li dan igib mieghu fil-ligi.

**Konsiderazzjonijiet**

**3.** Il-Qorti ftit li xejn ghandha x'tikkummenta dwar il-mertu tal-kaz. Di fatti l-istess Konvenuti konjugi Fenech jammettu l-hlas li qed jitlob il-Bank Attur

fil-kawza odjerna u jammettu li ma kienux qed jikkontestawh (ara t-tielet paragrafu tan-nota tal-Konvenuti a` fol 88). Jghidu pero` li l-azzjoni hija ntempestiva izda fl-istess hin kull ma huma qeghdin jikkontestaw huma l-ispejjez tal-kawza.

**4.** Fl-ewwel lok irid jigi rilevat, li ghalkemm il-Konvenuti kontumaci ghandhom id-dritt lilhom moghti taht l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` li qabel ma l-kawza tmur ghas-sentenza jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, dan ma jfissirx li f'din in-nota jistghu jissollevaw kwistjonijiet li setghu jitqanqlu biss permezz ta' risposta formali kif titlob il-ligi, fost ohrajn l-intempestivita` tal-azzjoni. Kieku dan l-artikolu kellu jigi interpretat mod iehor, allura jaqbel ghal dak li jkun li ma jipprezenta xejn risposta guramentata, ossia nota ta' eccezzjonijiet, izda jipprezenta biss in-nota imsemmija. Di piu`, l-ligi ma tesigix li dik in-nota ghandha tkun innotifikata lill-Attur, ghalkemm ma hemm xejn xi jzomm lill-Qorti milli tordna din in-notifika. Izda jekk nota bhal din kellha tkun accettata minghajr ma l-Attur ikollu l-opportunita` li jwiegeb, allura jkun qieghed jigi pregudikat min ikun ghamel il-kawza, u kif ukoll jinfetah bieb sabiex minnu tidhol incertezza procedurali ghal min ikun ghamel il-kawza. Ghalkemm jidher li kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jaghti opportunita` lill-konvenut kontumaci jghid tieghu in omagg tal-principju tal-'audi alteram partem', dan ma jfissirx min-

naha l-ohra li dan isir a skapitu tad-drittijiet tal-attur, bir-riskju li jinkiser dan il-principju fil-konfront tieghu.

**5.** Il-Qorti rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank Attur u huwa l-konvinciment ta' din il-Qorti, li s-sottomissjonijiet tieghu ghandhom aktar mis-sewwa. Di piu` kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll mix-xhieda prodotta jirrizulta li t-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu milqugha peress li huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u ghalhekk tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-Socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-Socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-Socjeta' Attrici;

**Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lill-Konvenuti kollha u cioe` lis-Socjeta' Ta' Bettina & Co u Joseph Fenech u martu Maryann Fenech Cesareo ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-Socjeta` Attrici s-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, mija u sittin Ewro u tletin centezmu (€123,160.30) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-Socjeta` Ta' Bettina & Co mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjez** tal-kawza a karigu tal-Konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**